# RUMANZI VARJI




Bid-distanzi qosra ta' pajjiżna wieħed mhux neċessarjament jara bosta jaqraw waqt li qed jużaw it-transport pubbliku. Iżda r-rumanzi għadhom imfittxijin u l-livell tagħhom mhux ħażin lanqas. Anke jekk ngħixu f'pajjiż żgħir, l-awturi Maltin, jippruvaw jappellaw ukoll għall-interessi varji tal-qarrejja. U llum qed nippreżentalkom tliet rumanzi totalment differneti minn xulxin.

### Belgħa Te ta' Paul P.Borg

Rumanz qawwi, u mislut mill-esperjenza reali tat-tbatija. Jidher ċar li bħal f'kotba oħra tiegħu dan l-awtur, Paul P. Borg irriċerka sew dak li ser jikteb dwaru. U dan huwa evidenti għaliex f'kitbietu Borg la jippatronizza u lanqas ikun dommatiku. M'għandux il-ħtieġa li jagħmel dan għaliex il-karba siekta tat-tbatija toħroġ waħidha

Il-ġrajja ta' rumanz ġdid belgħa te ta' Paul P. Borg hi dwar dak li jgħaddi minnu raġel żagħżugħ fl-isptar għall-kura mill-mard mentali. Is- soċjetà hija kiefra wisq ma' Leli, il-karattru prinċipali li jsib diffikultajiet kbar fis-soċjetà minħabba l-orjentazzjoni sesswali tiegħu. Fir-rumanz joħroġ kif in-nies bosta drabi jgħakksuk iktar, bi kliemhom u bi mġiebthom. Il-qagħda tiegħu tmur għall-agħar waqt li kien għall-kura wiċċ imb wiċċ ma' injections misterjużi, straitjackets, xokkijiet elettriċi, u ġlied bejn il-pazjenti.

Borg, huwa l-awtur ta' ktieb ieħor li jitratta s-saħħa mentali u d-diffikultajiet li din kienet iġġib magħha, Maqful fil-ħabs ta' ġbini, li jsellem lill-poeta Carmel Attard. Minkejja li din il-ġrajja li għandna hija ambjentata fix-xena lokali, sa ftit ta' għexieren ta' snin ilu, il-mard mentali ftti li xejn kien mifhum f'ħafna pajjiżi lanqas dawk Ewropej u oħrajn li hekk imsejħa żviluppati. Min għandu daqsxejn età jagħfu sew kemm illum qed nagħrfu ħafna aktar kundizzjonijiet differenti. Imma nafu tajjeb ukoll kemm l-istigma baqgħet pjaga fis-soċjetà tagħna, b'uħud joqogħdu lura milli jfittxu l-kura konsegwenza tal-ilsien ħażin ta' dawk li mhux dejjem jixtiequ ġid lil għajrhom. Sallum nistgħu ngħidu li bosta jieħdu gost jaraw lil min diġà magħkus, bħal Sisyphus bil-blata tirrombla fuq rasu.

U din hija l-ironija li forsi wieħed jara fl-isem ta' dan il-ktieb Belgħa te, għaliex waqt it-te wieħed jistenna ħbiberija. L-istess bħal ikla. Darba f'poeżija bl-isem Bilgrokk f'idi jiena ktibt "Ilgrokk li jmiss, għal ħabib fil-bogħod; ħabib ta' veru". L-idea tal-belgħa te hawn hekk toħroġ dawn l-aspett fejn jispikka fih il-ħdura ta' bniedem lejn l-ieħor.

Il-ktieb huwa profond imma mexxej. Dan għaliex l-awtur iżomm ir-rwol tiegħu 'l bogħod mill-ġudizzju jew dik l-imbierka morali li donnha bilfors irridu ndaħħlu fil-kotba lokali. L-awtur tar-rumanz mhuwiex ġurnalist, u dan Borg jagħmlu tajjeb ħafna, iżda fl-istess ħin xorta waqt l-istorja kollha bħal donnu qed jirraporta u jwassilna din il-ġrajja mqanqla.

Bir-rumanz belgħa te, Borg irid juri li l-Letteratura għandha l-ħila tikxef il-profondità tal-weġgħa umana. Il-Letteratura hi obbligata tagħmel dan, bħala l-uniku sinjal ta' solidarjetà ma' dawk li batew fil-magħluq u fis-skiet meta s-soċjetà stess għalqithom biex ma tismagħhomx isofru.

Belgħa Te huwa rumanz li jemanċipa mal-emarġinat, ma' dawk li ġew imwarrbin mingħajr ma jkun dommatiku u b'hekk ma jtellifx il-gost tal-qari. Il-ktieb jitlaq mill-esperjenza tal-persuni u d-deskrizzjonijiet mhumiex osservazzjonijiet mill-bogħod. Dan huwa evident kemm fit-taħdit u anke fid-deskrizzjoni.

L-istorja fiha ħafna elementi qawwija ħafna u l-awtur ċertament jirnexxielu li jwassal leħen ta' min m'għandux u ta' min is- soċjetà ma fehmitux. Xi partjiet millktieb kienu jkunu aħjar kieku l-awtur għaraf ikun aktar konċiż u l-awtur iħossu jintilef xi ftit f'xi partiiet minnu. Il-bqija naħseb li qed joffri xi ħaġa unika lill-qarreja. Fuq kollox Borg iħaddem Malti tajjeb ħafna u dan huwa element b'saħħtu ħafna.

